MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2194/2004

**Brands International Limited gia' Charles Mercieca & Company Limited**

**Vs**

**Marsalite Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm751.44c (seba' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta li baqghet ma thallsetx u flejjes ohra dovuti mill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 31 ta' Lulju, 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-

effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta’ Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------